**27 ta' Novembru, 1959**

**Imhallef:—**

**Onor. Dr. A. Magri, B.Litt., LL.D.**

**Alfredo Cachia Zammit et.**

***versus***

**Raffaele Barbara**

**Azzjoni Possessorja — Molestja — Pussess — Azzjoni Petitorja — Manutenzjoni — Art. 571 tal-Kodiči Čivili.**

***Min jipproponi azzjoni possessorja ta' manutenzjoni huwa fid-dmir li jipprova li l-parti l-oħra arrekat molestja fil-"pussess" tiegħu.***

***Għall-konservazzjoni tal-pussess ta' ħwejjeġ immobili hu biżżejjed l-animu, ossija l-intenzjoni f'l-possessur li hu għandu dan il-pussess; u darba akkwistat, il-pussess ma jintilefx bl-inerzja tal-possessur biss.***

***Jekk il-kawża hi possessorja, l-istess ma ssirx ta' natura petitorja mħabba l-provi li jirriżultaw "hinc inde"; għax ir-regola li tipprojbixxi l-kumulu tal-petitorju mal-possessorju hija ta' ordni publiku, u din il-projbizzjoni ma tistax tiġi sanata bl-akkwjexxenza jew bil-kunsens, espress jew taċitu, tal-kontroparti. U l-ġudikant, li f'idejh hija l-osservanza u l-applikazzjoni tal-liġi, ma jistax jaħrab minn dik il-projbizzjoni mingħajr ma jmur kontra l-awtorità tal-istess liġi.***

***Imma, biex ikun hemm molestja, mhux biżżejjed fatt materjali, iżda hemm bżonn l-intenzjoni, f'min jagħmel dak il-fatt,***

*konsistenti fl-affermazzjoni ta' pussess proprju kuntrarju għall-pussess ta' ħadd iehor.*

Il-Qorti: Rat iċ-ċitazzjoni li biha l-atturi, wara li ppremettew illi l-konvenut, għall-ħabta ta' Novembru li għadda, abużivament għamel kostruzzjoni ta' kamra fuq l-art "tad-"Duluri", fi Strada Duluri, fil-limiti tal-Pjetà, posseduta mill-atturi, u dan non ostante illi l-atturi kienu ddiffidaw lill-konvenut milli jagħmel dan, u b'hekk arreka molestja lill-atturi fil-pussess tagħhom tal-imsemmija art; premessi d-dikjarazzjonijiet u l-provvedimenti opportuni, talbu li jkunu mantenuti fil-pussess tal-imsemmija art okkupata mill-kostruzzjoni minnu abużivament magħmula, u li konsegwentement il-konvenut jiġi kundannat biex jiddeżisti minn din il-molestja u jħott l-imsemmija kostruzzjoni u jreġġa kollox lura għall-istat pristinu, fi żmien li jiġi lilu prefiss minn din il-Qorti; u jekk jgħaddi dan iż-żmien inutilment, jiġu l-atturi awtorizzati illi jagħmlu x-xogħol huma a spejjeż tal-konvenut Bl-ispejjeż, kompriżi dawk tal-protest tat-8 ta' Novembru 1954;

*Omissis*;

Ikkunsidrat;

Illi mit-termini taċ-ċitazzjoni, kif ukoll mill-ammissjoni kontenuta fil-fol 72, jidher illi l-atturi qegħdin jesperixxu azzjoni possessorja, u preċiżament dik ta' manutenzjoni kontemplata fl-art 571 tal-Kodiċi Ċivili; u għalhekk l-atturi huma fid-dmir li jippruvaw, skond ma jallegaw fiċ-ċitazzjoni, illi l-konvenut bena l-kamra "de qua" fuq art "posseduta" minnhom, u b'hekk arreka molestja fil-"pussess" tagħhom;

Illi mill-provi rriżulta li sas-sena 1925, jiġifieri sa meta l-Gvern esproprja parti minnha, kif jidher mill-pjanta a fol 65 u 69, il-kamra "de qua" kienet tinsab f'art posseduta mill-konvenut; wara l-esproprjazzjoni, u biex twesset it-trieq, din il-kamra ġiet maħtuta kollha, u fuq il-pedamenti ta' parti mhux esproprjata l-konvenut, fis-sena 1954, ippermetta lin-neputi tiegħu Joseph Barbara li jagħmel il-

kostruzzjoni in kwistjoni. Dan jinsab konfermat anki mix-xhieda tal-atturi Joseph u Francesco Zerafa, gabillotti tar-raba' limitrofu tal-atturi (fol. 33 u 34);

Illi l-atturi ssottomettew li wara d-demolizzjoni tal-kamra l-konvenut ma baqgħax jippossjedi l-parti mhux esproprjata, billi ma għamelx fuqha ebda dritt materjali ta' pussess; din il-pretensjoni, però, mhix legalment sostenibbli, għaliex għall-konservazzjoni tal-pussess ta' ħwejjeġ immobili huwa biżżejjed, skond ir-regola tradizzjonali, l-"animus", jiġifieri l-intenzjoni fil-possessur — "animo retinetur possessio". Dan ifisser, kif josserva Baudry, illi "il possesso, una volta acquisito, si conserva benchè il possessore non abbia fatto atti di possesso, se del resto aveva la possibilità di farli...... il possesso legale d'un immobile, una volta acquistato, si conserva colla sola intenzione del possessore, per tutto il tempo nel quale non ha subito interruzione proveniente da un terzo o finchè non sia stato volontariamente abbandonato";

U l-istess awtur, fuq l-awtorità tal-Pothier, ikompli jinnota illi "per conservare il possesso non è necessario avere una volontà positiva di ritenerlo, basta che la volontà di possedere non sia stata revocata da una volontà contraria; perchè non è stata revocata da una volontà contraria, si considera sempre che perseveri" (Prescrizione, §§228 u 229); u ebda prova ma nġiebet illi l-konvenut, fl-intervall bejn is-sena 1925, meta nħattet il-kamra, u s-sena 1954 meta saret il-kostruzzjoni "de qua", ġie privat mill-pussess tar-rokna li kien fadal minnha, jew li huwa kien abbanduna dak il-pussess fuqha; u għalhekk baqgħet isseħħ favur tiegħu l-preżunzjoni kontemplata fl-art. 565 tal-Kodiċi Ċivili, b'mod li, kif osservat il-Qorti tal-Appell fil-kawża "Cassar vs. Mamo Trevisan", deċiża fl-4 ta' Diċembru 1879, fuq l-awtorità ta' Troplong, "il possesso originario, una volta fissato, si perpetua indefinitamente, sino a tanto che non è esposto ad atti indubitati ed importanti una rinunzia dello stesso possesso" (Kollez. VIII, pag. 901 in princ. col. 2da.). Konsegwentement, il-pussess tal-konvenut fuq il-parti rimanenti mil-kamra baqa' fih, u ma

ntilefx, nonostante l-pretiża inerzja tiegħu (v. Digesto Italiano Possesso, §426);

Illi l-atturi, fin-nota tagħhom fol. 72, issottomettew li, għalkemm il-kawża hija possessorja, il-partijiet, bil-provi "hinc inde" prodotti, estendew l-indaġini għall-petitorju, u għal'hekk, in forza tal-kważi-kuntratt ġudizzjali, in-natura tal-kawża saret petitorja, bil-konsegwenza illi, kif ikkonkluda l-perit ġudizzjarju, il-konvenut ġie tellgħa l-istruttura preżenti fuq area li ma kienetx proprjetà tiegħu (fol. 59); iżda din il-pretensjoni mhix sostenibbli, għaliex ir-regola li tipprojbixxi l-kumulu tal-petitorju mal-possessorju hija ta' ordni publiku, u din il-projbizzjoni ma tistax tiġi sanata bl-akkwijexxenza jew bil-kunsens espress jew taċitu tal-kontroparti; u l-ġudikant, li f'idejh hija l-osservanza u l-applikazzjoni tal-liġi, ma jistax jaħrab minn dik il-projbizzjoni mingħajr ma jmur kontra l-awtorità tal-istess liġi (Kollez. XXI-I-488; Appell Ċivili 28.5.1956 in re "Cassar vs. Xuereb Montebello"; Appell Ċivili 7.12.1956 in re "Borg vs. Zammit"; u P.A. 26.1.1957 in re "Dimech vs. Fenech"). Taħt dawn iċ-ċirkustanzi, il-Qorti ma ħadetx in konsiderazzjoni l-konklużjonijiet peritali li jmissu l-petitorju, u tirriżerva favur l-atturi kull dritt jew azzjoni oħra jekk u skond il-liġi;

Illi, ladarba l-atturi ma ppruvawx il-pussess tal-art in kwistjoni, lanqas ma hija ġuridikament koncepibbli l-molestja pretiża magħmula mill-konvenut għall-pussess tagħhom; u għalhekk jonqos rekwiżit ieħor tal-azzjoni minnhom esperita. Hawn, però, ta' min jinnota illi, mill-fatti kif żvolġew ruħhom, jidher li "prima facie" l-konvenut ma għamelx ħaġ'oħra ħlief esperixxa dritt li kien ġej lilu mill-pussess; u għalhekk, kif osservat il-Qorti tal-Appell fil-kawża "Psaila utrinque" deċiża fil-11 ta' Marzu 1916, "tkun ħaġa kontra kwalunkwe prinċipju ġuridiku li min qiegħed jeżerċita dritt tiegħu...... jista' jiġi akkużat quddiem Qorti li għamel, sija pure ċivilment, att arbitrarju". Del resto, "un fatto non contrario alla legge non può mai costituire turbativa di possesso—qui suo jure utitur neminem laedit" (Fadda. Giurisp. Cod. Civ. Ital., art. 694 §835). Issa, biex ikun hemm molestja mhux biżżejjed fatt

materjali, iżda hemm bżonn l-intenzjoni f'min jagħmel dak il-fatt, konsistenti fl-affermazzjoni ta' pussess proprju kuntrarju għall-pussess ta' ħadd ieħor (v. Digesto Italiano, Manutenzione (azione di), §103); u għalhekk, kif jinnota Pacifici Mazzoni, "non costituisce molestia di fatto la riparazione e l'identica ricostruzione di opera che esiste" (Istituzioni di Diritto Civile, Vol. III, §46, pag. 72, nota 4);

Għal dawn il-motivi;

Tiċħad id-domandi tal-atturi, bl-ispejjeż kontra tagħhom.